# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Frar, 2000.**

**Numru: 8**

**Citazzjoni Numru: 872/92 JF**

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Margarine Manufacturing Company Limited.**

**vs**

**Avukat Tonio Farrugia nomine b'digriet tal-14 ta' April 1993. Kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta' estera (DE HAAN EXPEDITE B.V.) sostitwit b'De Haan's Expeditie B.V. u b'digriet tat-12 ta' Lulju 1995 Dr. Victor E. Ragonesi gie nominat kuratur deputat flok Dr. Tonio Farrugia biex jirrapprezenta lis-socjeta' estera De Haan's Expeditie B.V.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur noe ghamel arrangamenti mal-agenti lokali tas-socjeta' konvenuta sabiex dawn igorru konsenji ta' gelat ALGIDA minn CIAVANO NAPLI sa Malta 'door-to-door' (Dok. A).

U premess illi fost il-kundizzjonijiet tal-garr ta' merkanzija gie espressament miftiehem li l-gelat kellu jigi trasport b'temperatura kostanti ta' -25 $^{0}$C (Dok. B, C, D, E).

U premess illi wahda mill-konsenji f'Awissu 1991 u senjatament Trailer Number 1365 009/4626 CMR No. 340426 irrizultat mdewba u dana peress li t-temperatura ma nzammitx kostantement -25 $^{0}$C u l-istess konsenja kellha tigi mormija. (Dok. F, G, H, I).

U premess illi s-socjeta' konvenuta accettat responsabbilita' ghall-hsara taht il-kundizzjonijiet ta' C.M.R. u hallset il-valur tal-merkanzija mitlufa pero' qieghda tirrifjuta li thallas id-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba n-negligenza taghha.

U premess li skond l-artikolu 29 tas-C.M.R. regulations min igorr merkanzija huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-proprjetarju tal-merkanzija, jekk kien negligenti, oltre l-valur tal-oggetti.

U premess illi ghalkemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u eventwali pagament tad-danni dawn baqghu inadempjenti (Dok. J sa U).

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur noe wara li rrizulta li merkanzija li ngarret fuq Trailer Numru 1365 009/4626 f'Awissu tal-1991 proprjeta' tas-socjeta' konvenuta (nomine), - zieda b'digriet ta' 10 ta' April 1995 - kienet mdewba u bla valur.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji fuq imsemmija bhal Dok. J sa Dok. U u tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 1991 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament u ghal kull buon fini, illi s-socjeta' rapprezentata minnu tissejjah De Haan's Expeditie B.V. u mhux kif indikata fic-citazzjoni odjerna.

2. Preliminarjament ukoll, l-attur nomine jrid jipproduci prova li meta ntavola c-citazzjoni odjerna huwa kien effettivament awtorizzat li jirrapprezenta lis-socjeta' attrici ghal dan l-iskop.

3. Preliminarjament ukoll, illi l-konvenut nomine ghandu jigi liberat mill-gudizzju a spejjez tal-attur nomine peress illi t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' ghall-allegati danni kif ukoll ghall-likwidazzjoni tal-

istess saret fil-konfront tal-"konvenut" personalment u mhux tal-konvenut nomine, u mbaghad l-attur nomine talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas danni likwidati fil-konfront tal-konvenut personalment u mhux nomine.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatti kif dikjarati mill-attur nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif jaf ben tajjeb l-attur nomine, huwa kien naqas li jirtira t-trailer in kwistjoni fi zmien ragjonevoli mill-"customs controlled area" fejn dan kien tqieghed meta wasal Malta fil-11 ta' Awissu 1991, u li gara kien illi meta dan it-trailer ma kienx qieghed fil-kustodja tal-konvenut nomine huwa kien gie manomess minn injoti billi saret hsara vizibbli fuq il-"manual defrost switch" tieghu illi wassal sabiex ma kompliex ikessah u b'hekk meta fit-13 ta' Awissu 1991 l-attur nomine ghazel li jircevi in konsenja tali trailer, il-gelat kien beda jinhall. B'hekk zgur ma jistax jinghad illi kien hemm xi "wilful misconduct" jew xi "default" ekwivalenti da parti tas-socjeta' konvenuta, li anzi agixxiet bi prudenza kbira u ppruvat tirrimedja tali att vandalu hekk kif skoprietu izda sfortunatament bla success. Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

5. Illi ukoll fil-mertu, mis-CMR 340426 mertu tal-kawza in kwistjoni ma jirruzultax illi s-socjeta' konvenuta ntrabtet espressament illi tittrasporta l-gelat in kwistjoni b'temperatura kostanti ta' -25 $^{0}$C, ghax din obbligazzjoni ma tirrizulta mkien minn dan id-dokument dif qed tallega s-socjeta' attrici, u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom f'kull kaz jigu respinti bl-ispejjez.

6. Illi l-konvenut nomine qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 1991 u ghalhekk f'kull kaz zgur ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez taghha.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-imsemmi Avukat Victor E. Ragonesi fil-kwalita' tieghu premessa, fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini ta' l-Artikolu tnejn u tletin (32) tal-Konvenzjoni fuq il-Kuntratt dwar il-Garr Internazzjonali tal-Merkanzija fit-Triq u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

2. Illi, in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-eccipjent nomine jaderixxi u jaghmel tieghu n-nota ta' l-eccezzjonijiet maghmula mill-Avukat Dottor Tonio Farrugia bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta s-socjeta' estera De Haan Expeditie B.V. intavolata fid-9 ta' Gunju, 1993, hlief l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet decizi minn din il-Qorti fl-10 ta' April, 1995, ghalkemm l-eccipjent nomine qieghed jirriserva, ghal kull buon fini, il-pozizzjoni tieghu fir-rigward ta' l-imsemmija decizjoni ta' l-10 ta' April, 1995. L-eccipjent nomine jaghmel tieghu ukoll id-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti tali nota ta' eccezzjonijiet, u x-xhieda ndikati mill-Avukat Dottor Tonio Farrugia fil-kwalita' tieghu fuq imsemmija tad-9 ta' Gunju, 1993 f'din l-istess kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjoni preliminari in parte moghtija fl-10 ta' April 1995 (fol. 70 - 75) in forza ta' liema gew dikjarati proceduralment ezawriti l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet dwar l-eccepita nullita' fl-att tac-citazzjoni u digrieti moghtija.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 1996 (a fol. 100 tal-process) li fih gie registrat li l-konvenuti nomine irtiraw l-eccezzjonijiet preliminari dwar dekadenza tal-azzjoni li giet sollevata fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza ghal danni reklamati mill-attur nomine in konnessjoni ma' konsenja ta' gelat li ngarr mill-konvenuti nomine b'inkariku moghti lilhom mill-attur nomine. Hu pacifiku li t-trasport de quo kien regolat mis-CHR Regulations li jkopru dawk ir-regolamenti ta' trasport bl-art fuq operazzjonijiet internazzjonali simili.

Specifikament il-konvenuti nomine kellhom igorru diversi konsenji ta' gelati tal-marka ALGIDA minn Napli (Italja) lejn Malta fuq bazi ta' "door-to-door delivery". Minhabba n-natura tal-merci, gie miftiehem ukoll li l-gelati kellhom jingarru b'temperatura ta' -25 $^{0}$C (minus 25 gradi Celsius) tul il-vjagg kollu. Irrizulta pero' li konsenja minnhom, igifieri dik li kellha titwassal lokalment f'Awissu 1991 waslet fil-fabbrika tal-attur nomine fi stat imdewweb u kwindi hazina ghall-fini ta' konsumazzjoni.

Illi mid-diversi xhieda prodotti jirrizulta sufficjentement ippruvat li mal-wasla tal-kontenitur in kwistjoni kien jidher minn ezami tat-"temperature chart" - ara dok. WF1, fol. 138 - 139 tal-process - li t-temperatura ma nzammitx skond kif gie miftiehem billi l-mutur li jkessah l-kontenitur ma hadimx kif suppost tul il-vjagg kollu.

Ix-xhieda moghtija minn Benny Grech, Philip Psaila u Wilfred Falzon ma thallix dubju dwar dan il-fatt. Hu minnu li Dottor Tonio Farrugia, ex-direttur tas-socjeta' konvenuta, xehed u ried jaghti wiehed x'jifhem li t-temperatura tbaxxiet bl-intervent ta' xi hadd injot li baghbas fis-"switch" li jirregola t-temperatura izda l-provi dwar din l-imputazzjoni hija skarsa hafna u lanqas biss rapport lill-Pulizija ma gie rregistrat meta l-kontenitur suppost li nstab f'dan l-istat f' Malta.

Minbarra s-suespost il-ftehim bejn il-kontendenti kien illi l-merkanzjija titwassal "door-to-door". Jidher li l-konvenuti nomine sabuha difficli li biex johorgu l-kontenitur mid-Dwana kellhom jeffettwaw hlas qawwi u dan ma hassewx li kellhom jaghmluh huma imma l-importatur.

Illi xorta wahda pero' l-punt jibqa' li l-attur nomine ressaq il-prova li d-danneggjament kien gja avvera ruhu qabel ma l-kontenitur wasal Malta. Mill-ezami tac-"chart" irrizulta li l-merkanzija ma nzammitx tul il-perkors intier taht it-temperatura li suppost kellha tirregola z-zamma tal-gelat fi stat u kondizzjoni tajbin. Dan sehh minkejja l-fatt li l-ftehim kien ikkondizzjonat ghall-garr b'temperatura ta' -25 $^{0}$C. Il-konvenuti nomine kienu jafu b'dan u kwindi ghandhom iwiegbu ghad-danni <u>kollha</u> kkagjonati nkluzi dawk dovuti ghal nuqqas ta' profitti kif mahsub fl-artiklu 29 tas-CMR Regulations.

Illi dwar il-quantum tad-danni jirrizulta mix-xhieda, mhux kontradetta, tax-xhud Benny Grech, Commercial Manager mas-socjeta' attrici, li kien hemm telf ta' profitti likwidati fis-somma ta' Lm6558.00c - sitt elef hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin. L-attur nomine u x-xhieda tieghu spjegaw li wiehed irid jiehu kont tal-kwantita' ta' gelati nvoluti kif ukoll li l-hsarat graw fl-eqqel tas-Sajf meta l-bejgh tal-gelat ikun fl-aqwa tieghu (ara ukoll Dok. BG2, fol. 111 tal-process).

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti nomine, u filwaqt li taghmel mill-gdid riferenza ghad-decizjoni taghha preliminari moghtija fl-10 ta' April 1995, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine kif dedotti b'dana li ghall-fini tat-tieni talba qeghda tillikwida s-somma ta' Lm6,558.00c kif fuq inghad u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenuti nomine li jhallsu lill-attur nomine dan l-ammont flimkien mal-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv. Il-kap tal-ispejjez jithallas interament mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md